25 ta' Novembru, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Annie Psaila *versus* Francesca Bonello et.

**Kwerela — Inġurja — Rappreżentanza Gudizzjarja — Appell — Nullità — Art. 386 inċiż (b) u art. 387 (b) tal-Kodiċi Kriminali.**

*L-imputat jista' jiġi rappreżentat minn ħadd ieħor f'każ ta' kontravenzjoni, meta jkun hemm raġuni tajba. Imma din il-fakoltà tapplika għas-semplici komparizzjoni quddiem il-Qorti, u mhux ukoll*

*għall-preżentazzjoni ta' skritturi. U lanqas ma hija applikabili fil-każ ta' reati, bħal ma hu l-każ ta' inġurja, fejn ir-reat huwa delitt avvolja jiġi punit bil-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*

*Għalhekk l-imputat li jagħmel appell minn sentenza li kkundannatu bħala ħati ta' inġurja ma jistax jiġi rappreżentat fl-appell minn ħadd ieħor, avvolja huwa jkun minorenni; u jekk ir-rikors ta' l-appell isir minn ħadd ieħor f'ismu, dak ir-rikors, kif ukoll l-appell, huwa irritu u null.*

Fuq kwerela ta' inġurja, l-imsemmija Francesca Bonello, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tad-19 ta' Settembru 1946, ġiet misjuba ħatja u kundannata għal £2 ammenda;

Fl-24 ta' Settembru 1946 ġie preżentat f'din il-Qorti rikors għan-nom ta' Nicolina Bonello, bħala kuratriċi u fl-isem u fl-interess ta' bintha minuri Francesca, li bih intalbet ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza u l-ħelsien ta' Francesca Bonello mill-imputazzjoni;

Dr. Flores għall-kwerelanti Psaila ssolleva l-preġudizzjali tan-nullità ta' l-appell, peress li dan sar minn Nicolina Bonello għan-nom ta' bintha Francesca, allegata minuri, mentri fil-fatt hi maġġjorenni;

Dr. Magri għall-kontroparti rrisponda;

Wara li semgħet l-argumenti tad-difensuri, din il-Qorti rriflettiet;

Il-kwistjoni involuta fil-preġudizzjali ma hix dik prospettata mir-rikorrenti f'dina s-sedi, ta' sempliċi korrezzjoni, imma, aktar preċiżament, tikkonkreta ruħha fil-kweżit "jekk sarx fit-terminu preskritt mil-liġi appell mill-kundannat missentenza ta' l-Ewwel Qorti";

Il-kundannata fl-ewwel istanza kienet Francesca Bonello. Bħala imputata ta' reat, hi ġiet imħarrka f'isimha, u kellha tiġi hekk imħarrka anki kieku ma kienetx maġġjorenni (kif fil-fatt hu), għaliex hu risaput illi dawk biss li jkunu taħt iddisgħa snin huma eżenti minn kull piena (art. 36 Kap. 12). Għalhekk, proprjament, lanqas il-punt tal-maġġjor età ma jidħol;

Issa Francesca Bonello appell ma għamletx. Hemm rikors ta' l-appell preżentat minn ommha Nicolina għan-nom tagħha. Jiswa dan l-appell hekk magħmul?

Din il-Qorti hi ta' fehma li ma jiswiex; għaliex imputat jew kundannat, anki kieku minorenni (li Francesca Bonello anqas hi), ma jistax jiġi rappreżentat minn ħadd ieħor;

L-art. 386, fl-inċiż (b), jippermetti illi, meta jkun hemm raġuni tajba, jidher ħadd ieħor għall-imputat (ara wkoll art. 387 (b)). Però dan l-artikolu ma jgħinx it-teżi tar-rikorrenti Bonello Nicolina, għaliex l-ewwelnett jaċċenna għal sempliċi komparizzjoni fil-Qorti, u mhux għall-preżentata ta' skrittura; u t-tieni, għaliex tant l-art. 386 kemm l-art. 387 huma applikabili għall-każ ta' kontravvenzjonijiet, mentri dan hu każ ta' inġurja taħt l-art. 265 Kap. 12, fejn hi kontemplata l-inġurja delitt, ankorkè, meta tkun taħt it-tieni subartikolu, tkun punibili bil-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

Lanqas hu ta' ġjovament għall-assunt tar-rikorrenti l-art. 536 Kap. 12, għaliex dan jirriferixxi biss għall-kwerela, u ma għandux jiġi estiż għal attijiet oħra — apparti li Francesca Bonello ma hijiex minorenni u ma hijiex taħt it-tutela jew kura ta' ħadd;

Ma hux lanqas eżatt li l-kontroparti eċċipjenti ma ssofrix preġudizzju kieku l-Qorti kellha tgħaddi 'l quddiem fuq ir-rikors kif magħmul. Il-kontroparti, infatti, għandha sentenza favur tagħha; u għalhekk l-irritwalità ta' l-appell tinteressaha, biex dik is-sentenza ssir ġudikat;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi l-eċċezzjoni fis-sens li tiddikjara li r-rikors fuq imsemmi ma jikkostitwixxix appell ritwalment magħmul mill-kundannata Francesca Bonello, u bħala tali tiddikjarah null;

L-ispejjeż f'din is-sedi jitħallsu mir-rikorrenti. Drittijiet tad-difensuri 12s. għas-seduta tal-11 ta' Novembru 1946. u 6s. għal kull seduta oħra.